## Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-14 t'April, 2016

Appell Nru: 488/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Duncan Cefai**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Duncan Cefai detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 86676M talli: 1)Fis-06 ta' Lulju, 2014 ghall-habta ta' 17:42pm waqt li kien fuq il-bahar gewwa l-bajja ta' Wied il-Ghajn saq opra tal-bahar u saq din l-opra tal-bahar b'velocita' eccessiva ta' iktar minn ghaxar mili nawtici gewwa l-kosta f'xi post il gewwa minn 200 metru 'l boghod minn xi parti ohra ta' xtajta u dan bi ksur tar-Reg. 25(c) u reg 45 tat-Tielet Skeda L.S. 499.52, u 2) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, halla jew ippermetta li tinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista'

jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur ta' Reg. 26 u Reg. 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija l-Qorti tirrevoka l-licenzja nawtika tal-imputat ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Novembru, 2014, li biha, wara li rat ir-Regolamenti 25(c), 26 u 45 tat-Tielet Skeda LS 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu multa ta' sitt mitt ewro (€600);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Duncan Cefai, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-ligi u alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi qatt ma seta' jinstab hati mill-Ewwel Qorti stante illi c-citazzjoni hija wahda nulla peress illi ma tindikax in-numru ta' registrazzjoni tad-dghajsa li kien qieghed isuq meta intercettat mill-Pulizija barra l-bajja ta' Wied il-Ghajn.

2. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Brian Camilleri tal-4.4.2016, l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirregola c-citazzjoni, ossia l-ordni bil-miktub li biha titharrek persuna imputata ta' reat. "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu*

*jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.".* Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, dak li hu rikjest mill-prosekuzzjoni fit-tnedija tac-citazzjoni hu li tindika fiha l-fatti li dwarhom l-imputat hu mitlub jidher quddiem il-Qorti fid-data u hin indikati. Dawn il-fatti naturalment iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun imputata, igifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed ikun akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb (Il-Pulizija vs Philip Schembri App Krim 18.11.1994). Jibqa' biex ikun konsiderat imbaghad jekk dawk il-fatti kif migjuba fic-citazzjoni jammontawx ghal xi reat jew reati ohra (Il-Pulizija vs Joseph Farrugia (App Krim 13.1.1995). Jizdied ma dan ukoll li *ic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skoretti tal-fatti* (Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg App Krim 4.11.1994). Fis-sentenza l-ahhar citata, din il-Qorti wara li ccitat id-dibatti fil-Kunsill Tal-Gvern dwar l-origini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, rriteniet illi "*ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghhom jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien"*. Il-mankanza tal-indikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni tad-dghajsa fil-kaz hawn devolut ma jirraviza ebda nullita' tac-citazzjoni u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

3. Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi meta kien intercettat isuq id-dghajsa tieghu b'velocita' kien qieghed biss madwar ghaxar metri boghod mill-baga s-safra li tiddemarka l-limitu ta' sewqan b'velocita ta' mhux aktar minn ghaxar nodi fis-siegha u oltre dan, id-dghajsa tieghu kienet qeghda 'l barra u mhux 'l gewwa lejn il-port. L-

appellant jisvolgi l-argument tieghu billi jghid illi f'dak il-hin id-dghajsa tieghu zviluppat xi hsara u dan innutah meta skatta l-*alarm* u b'rejazzjoni immedjata sabiex jevita hsara ulterjuri u waqfien tal-mutur kellu bilfors jirrikorri ghal-sewqan b'velocita'. Jekk din il-Qorti fehemet sew l-argument tal-appellant, huwa irid jghid li ma kellux kontroll fuq ic-cirkostanzi u kien kostrett li jaghmel hekk. Minkejja dan, l-appellant ma xehed xejn dwar din l-emergenza quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk, jekk verament gara hekk u jekk tali emergenza setghetx b'xi mod tezonorah mir-responsabilita' kriminali, ma tistax issa, f'dan l-istadju tkun konsiderata. L-argument ta' fejn kienet qed tipponta d-dghajsa u d-distanza mill-baga huwa wiehed fierah u ghalhekk it-tieni aggravju qed ikun michud;

4. Fit-tielet aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi ma setghax jinstab hati mill-Ewwel Qorti stante li ma kienx hemm il-prova rikjesta mil-ligi u li l-provi migjuba jieqfu ferm 'l boghod mil-grad tac-certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Dwar dan jinghad illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha affidavit minn zewg ufficcjali tal-Pulizija li xehedu li fil-hin tal-incident raw dghajsa hierga mill-port ta' Wied il-Ghajn b'sahha qawwija u ghalhekk saqu fid-direzzjoni tal-opra u ghamlu sinjal lis-sewwieq sabiex jieqaf li aktar tard irrizulta li kien l-appellant, allura imputat. L-appellant ma hax l-opportunita' li jaghmel kontro-ezami lil dawn ix-xhieda u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni ghaliex tiddubita mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. In mankanza ta' xi cirkostanzi in rigward, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet, kif ghamlet, ragjonevolment waslet ghal-konkluzzjoni taghha skond il-ligi. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun micud;

5. In subsidium, l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa u gusta. L-multa imposta mill-Ewwel

Qorti, izda, hija dik tassattivament indikata mir-regolament 45 u t-Tielet Skeda tal-Avviz Legali 183 tal-2008 kif emendat;

6. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.